VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,197, 21 ta' Jannar, 2014
Taqsima B

A.L. 18 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Istatut biex jemenda l-Istatut għall-Istitut tal-Amministrazzjoni Pubblika u l-*Management*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga l-istatut li ġej magħmul mill-Kunsill tal-Università ta' Malta bis-saħħa mogħtija lilu bl-artikoli 72(h), 75(2), u 77(c) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dan l-istatut jista' jissejjaħ bħala l-Istatut biex jemenda l-Istatut għall-Istitut tal-Amministrazzjoni Pubblika u l-*Managment* u għandu jinqara u jinftiehem bħala ħaġa waħda mal-Istatut għall-Istitut tal-Amministrazzjoni Pubblika u l-*Managment*, ppubblikat bħala Avviż Legali 8 tal-2013, li minn hawn 'il quddiem jissejjaħ "l-istatut prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dan l-istatut għandu japplika mit-30 ta' Settembru 2013 'il quddiem.

L-Emenda għall-artikolu 3 tal-istatut prinċipali

3. Minflok l-artikolu 3 tal-istatut prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. L-Istitut tal-Amministrazzjoni Pubblika u l-*Management* hu mwaqqaf bħala istituzzjoni bejn l-Università ta' Malta u l-Gvern ta' Malta, u bi sħubija strateġika mas-CDRT, fir-rigward tal-provvediment ta' tagħlim u t-twettiq ta' riċerka."

Iż-Żieda tal-paragrafi (g), (h), (i), (j) u (k) mal-artikolu 4 tal-istatut prinċipali

4. Il-paragrafi (g), (h), (i), (j) u (k) li ġejjin għandhom jiżdiedu wara l-paragrafu (f) tal-artikolu 4 tal-istatut prinċipali:

"(g) jamministra ċentru ta' riżorsi li jinkludi librerija dwar il-politika pubblika;

(h) jopera mis-CDRT u possibbilment minn postijiet oħra ta' amministrazzjoni pubblika, li jkunu indikati bħala siti tal-Università ta' Malta, kemm f'dak li għandu x'jaqsam mat-tmexxija tal-korsijiet ta' studju u kemm mar-riċerka, u dan minbarra l-kampus ewlieni tal-Università;

(i) jiffaċilità aċċess għar-riżorsi tal-Librerija tal-Università lill-impjegati fil-qasam tal-amministrazzjoni pubblika;

(j) jgħin lis-CDRT jiddentifika u jħejji korsijiet qosra speċjalizzati f'oqsma speċifiċi fir-rigward ta' funzjonijiet ta' livell għoli fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika; u

(k) iressaq l-*academia* u l-gvern f'relazzjoni li tkun ta' benefiċċju għat-tnejn u li tikkontribwixxi għat-tmexxija għaqlija, u ttejjeb il-kwalità tal-formulazzjoni tal-politika u tat-teħid ta' deċiżjonijiet fl-amministrazzjoni pubblika."

L-Emenda għall-artikolu 5 tal-istatut prinċipali

5. Minflok l-artikolu 5 tal-istatut prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(i) *Chairman*: ir-Rettur jew id-delegat tiegħu (minn Lulju sa Diċembru ta' kull sena); u s-Segretarju Prinċipali Permanenti jew id-delegat tiegħu (minn Jannar sa Ġunju ta' kull sena) – fuq sistema ta' rotazzjoni kull sitt xhur;

(ii) Viċi-*Chairman*: ir-Rettur jew id-delegat tiegħu (minn Jannar sa Ġunju ta' kull sena); u s-Segretarju Prinċipali Permanenti jew id-delegat tiegħu (minn Lulju sa Diċembru ta' kull sena) – fuq sistema ta' rotazzjoni kull sitt xhur;

(iii) id-Direttur tal-Istitut;

(iv) persuna maħtura mill-Kunsill tal-Università b'konsultazzjoni mas-Segretarju Prinċipali Permanenti;

(v) persuna maħtura mis-Senat tal-Università;

(vi) membri maħtura *ex officio,* li huma:

(a) il-Kap tad-Dipartiment tal-Politika Pubblika; u

(b) id-Diretturi responsabbli għat-taħriġ fi ħdan iċ-Ċentru għall-Iżvilupp, ir-Riċerka u t-Taħriġ fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika;

(vii) rappreżentant tal-istaff akkademiku li jgħallem jew qiegħed jagħmel riċerka fi ħdan l-Istitut;

(viii) rappreżentant tal-istudenti rreġistrati mal-Istitut; u

(ix) membru nnominat mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli għal-Finanzi."

Ir-Reġistratur jew id-delegat tiegħu/tagħha jservi bħala s-Segretarju tal-Bord.

L-Emenda u ż-żieda għall-artikolu 7 tal-istatut prinċipali

6. Minflok is-sottoparagrafu (iii) tal-paragrafu (b) tal-artikolu 7 tal-istatut prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(iii) jippubblika rapport annwali; li jinkludi dikjarazzjoni ta' kontijiet, li għandu jkun disponibbli għall-amministrazzjoni pubblika permezz tas-CDRT;"

7. Il-paragrafi (x) u (xi) li ġejjin għandhom jiżdiedu wara l-paragrafu (ix) tal-artikolu 7 tal-istatut prinċipali:

"(x) jipprovdi aċċess ħieles u d-drittijiet kollha għall-użu f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwalunkwe riċerka li ssir mill-Istitut jew permezz tiegħu, inklużi d-dissertazzjonijiet u l-*long essays* tal-istudenti, għall-amministrazzjoni pubblika permezz tas-CDRT; u

(xi) jiltaqa' formalment fuq bażi ta' mhux inqas minn kull tliet xhur."

L-Emenda għall-paragrafu (e) tal-artikolu 10 tal-istatut prinċipali

8. Minflok l-paragrafu (e) tal-artikolu 10 tal-istatut prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(e) bl-eċċezzjoni tal-amministrazzjoni pubblika permezz tas-CDRT, m'għandux jagħti aċċess għall-informazzjoni lil terzi persuni li mhumiex assoċjati mal-Università ta' Malta, dwar kwalunkwe xogħol jew *data* li jkollha x'taqsam ma' xogħlijiet li qegħdin isiru fl-Università ta' Malta; kull xogħol li jkun qiegħed isir fl-Istitut għandu jsir fid-dawl tal-leġislazzjoni Maltija dwar il-ħarsien tad-*data*;"